MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2012

Numru. 973/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**KONTRA**

**KENNETH JOHN MARSHALL ta’ 32 sena, iben Vincent u Saveria nee’ Mizzi, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-03.08.1979, residenti fil-fond numru 7, St Anthony, Flat 5, Triq Santa Monika, Pieta’, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 346879M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Kenneth John Marshall** li gie akkuzat talli:

1. Fl-20 ta’ Settembru, 2010, ghall-habta ta’ 13.00hrs, fi Triq Hookham Frere, fi Gwardamangia,

dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi spara airgun fid-direzzjoni ta’ Hogen Hassan u kkagunalu feriti ta’ natura hafifa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu arma regolari;

3. U aktar talli kien fil-pussess ghal liema ghan ikun, zamm jew importa arma regolari jew munizzjon referuta fi Skeda 1, specifikament talli kellu fil-pussess tieghu mira bil-laser skond ma hemm provdut fil-Paragrafu 11 tal-Iskeda numru 1, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 u 51 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li moqrija l-istess fl-interrogatorju, l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif migjuba fil-konfront tieghu.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe’:

a. Fl-Artikoli 41(1)(a), 214, 216(1)(a), u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. Fl-Artikolu 221(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. Fl-Artikoli 3(a), 51(1), u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. Fl-Artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (folio 118).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok ghandu jinghad illi giet ezebita l-istqarrija ta’ l-imputat mehuda bid-dritt tal-assistenza legali kif jidher mill-istess stqarrija.

Hawn l-imputat qal illi hu kien jahdem fil-hanut tieghu Fatima Green Grocer fi Triq Hookham Frere, il-Pieta’. Ammetta hawn illi kellu arma tan-nar air pistol marka Walther Shotgun tal-marka Bettinzoli T u rifle tal-marka Savage li kienu licenzjati sabiex jingarru u jinzammu.

Ammetta li huwa kellu ncident fejn uza l-air gun. Qal illi din kien hadha mieghu l-hanut biex jispara lejn xi grieden. Ra ghaddej quddiem il-hanut tieghu tifel ta’ nazzjonalita’ Torka, ismu pero ma kienx jafu, pero dan ta’ spiss kien ikun hdejn il-hanut tieghu u qal illi kellu certa kunfidenza mieghu. Qal illi kien minghalih li l-air gun kien vojt u mhux ikkargat. Qal illi biex jiccajta qabad din l-air gun, ippuntaha lejn it-tifel u faqqaghha darbtejn. Kif hares ra lit-tifel izomm mohhu u kien b’hekk li kien induna li kienet harget xi comba u li kien laqtu. Ghax ippanikja rema s-$CO^2$ go dustbin qrib ix-Xandir. Qal illi wara marru tal-familja biex jitkellmu mieghu u hemm ra li t-tifel vera kellu comba ta’ air gun imwahhla go mohhu, ipprova jaqlaghlu l-istess b’pinzetta. Ma rnexxilux u baghathom il-policlinic. Dwar l-intenzjoni tieghu meta spara lejn it-tifel, qal illi ma kienx jaf li l-air gun kien ikkargat. Qal illi hu spara lejn it-tifel b’mod incidentali. Zied illi kien jiddispjacih talli kien ghamel u li ma ried iwegga’ lil hadd.

Xehed il-minuri Hogan Ali Hasan, cioe’ t-tifel imwegga’. Qal illi kien vicin il-hanut tal-haxix ta’ Kenneth, kien sejjer id-dar. Qal illi darba minnhom l-akkuzat beda jgaralu l-bajd. Dwar l-incident de quo xehed illi din kienet gurnata ohra differenti mill-garar tal-bajd. Qal illi ra xi haga f’id l-akkuzat, ra “gun” (folio 65). Qal illi sparalu. Qal illi kien jiccajta hafna mieghu. Xehed illi kien jiccajta mieghu goff u ma kienx jiehu pjacir b’dan ic-cajt, qal illi kien jghajru bahnan u fidil, u li b’hekk ma kienx jiehu gost. Ikkonferma li c-comba kien nehhihielu tabib pero Kenneth kien ipprova jaghmel dan.

Dr Mario Scerri, mahtur fl-Inkjesta, bhat-tobba li kienu raw lill-minuri (Dr Jeffrey Bonnici folio 100), ikkonkluda li l-griehi sofferti mit-tifel kienu hfief. Xehed illi l-pellet dejjem kienet toffri potenzjal ta' periklu ghax ma tafx fejn ser tolqot.

Il-Brigadier Maurice Calleja flimkien ma' PS 602 Jonathan Attard , ukoll mahtura fl-Inkjesta, ikkonkludew illi ma kellhom ebda dubju li t-tir sparat kien mill-pistola Dok CA, u li tali pistola kienet mghammra b'laser sight li hija kontra l-Ligi (Dok MC folio 79 – 87).

Rat ukoll illi moqrija l-Artikoli msemmija, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll illi l-imputat, maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, irregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi certament, apparti l-ammissjoni, din il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-akkuzat spara lejn il-minuri Hogan u b'xortih tajba ma kkagunalux feriti aktar gravi. Fil-fatt, ghalkemm minn kliem l-imputat jidher illi dan ma kellu ebda hsieb li jwegga' lill-minuri, pero ghandu wkoll jifhem illi kulhadd huwa responsabbli tal-konsegwenza tieghu. Ragel adult ma jistax jimmira u jispara arma lejn tifel bic-cajt, dan mhux cajt. Oltre dan, hija sinjal ta' irresponsabbilta' kbira li dan jimmira arma lejn tifel bla ma jaf jekk dan hux armat.

Ftit izjed ghandha xi tghid il-Qorti hlief li min jasal biex jimmira arma ghandu jkun lest jerfa' r-responsabbilta' ta' azzjonietu.

Ghaldaqstant, qieghda ssib lill-imputati hati taht ir-reati fl-Artikoli 41(1)(a), 214, 216, 217, u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u kif ukoll l-Artikoli 3(a), 51(1), u 55(a), tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u torbot lill-imputat bl-obbligazzjoni tieghu nnifsu li bl-ebda mod ma jinvvessa jew idejjaq lill-minuri Hogan, dan taht

obbligazzjoni tieghu nnifsu ghal sena(1) mill-lum, liema obbligazzjoni hija ffissata ghas-somma ta’ €1,000.

Rat ukoll l-Artikoli 17, 23, u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieset illi dan l-incident ma kienx wiehed motivat bil-malizja, imma aktar rizultat ta’ stupidagni minn naha ta’ l-imputat, u ghalhekk qieghda tikkundanna lill-imputat ghal piena ta’ sena(1) prigunerija sospiza ghal sentejn(2), dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ukoll l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tordna l-konfiska tal-air pistol u munizzjon go kaxxa sewda (Dok CA1); pellet (Dok CA2); u cilindru tas-$CO^2$ (Dok CA3) – komplissavment immarkati bhala KA282.2010, suggetti ta’ dan ir-reat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------